# Aħbar **Tajba**

L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

Ġer 33, 14-16
Salm 24, 4bċ-5ab. 8-9.10.14
1 Tess 3, 12 – 4, 2
Lq 21, 25-28.34-36



"Meta jibda jseħħ dan kollu, qawwu qalbkom u erfgħu raskom, **għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib."**

Indunajtu li l-Milied għoddu wasal? Qisu lbieraħ meta ħafna minna kienu qed igawdu l-jiem sħan tas-sajf ħdejn il-baħar u llum waslet waħda mill-festi l-favoriti ta' ħafna. Is-sinjali li din il-festa waslet huma ċari u ssibhom kullimkien. It-tiżjin beda jidher fit-toroq, il-ħwienet bdew jarmaw il-vetrini tagħhom u probabbilment anke d-dar stess ġa bdew jidhru xi ħwejjeġ tal-Milied. Fuq it-TV u r-radju l-ħin kollu tisma' l-kanzunetti klassiċi tal-Milied kif ukoll ħafna u ħafna reklami b'offerti speċjali għal dan iż-żmien tant speċjali.

Iżda fl-ewwel Milied is-sinjali ma kinux daqshekk ċari u numerużi. Ma kienx hemm reklami mal-ħitan jew inkella messaġġiera jiġru minn belt għall-oħra jħabbru t-twelid ta' Ġesù. Madankollu sinjali xorta kien hemm u min kien tassew qed ifittex u jistenna sab ruħu quddiem sinjal ċar li wrieh fejn kellu jmur.

Aħna wkoll qegħdin fi żmien ta' stennija għax il-Milied mhux biss tifkira ta' xi ħaġa li ġrat snin twal ilu imma wkoll tfakkarna li Ġesù se jerġa' jiġi. Għalkemm din il-miġja ta' Ġesù qajla se tisma' dwarha fuq it-TV u r-radju, il-wegħda ta' Ġesù hi li se jerġa' jiġi u allura jħeġġiġna biex noqogħdu attenti għas-sinjali.

Għalhekk, erba' ġimgħat qabel din il-festa kbira, il-Knisja tħeġġiġna biex nippreparaw ruħna biż-żmien tal-Avvent. F'dan iż-żmien ta' tħejjija tħeġġiġna biex nagħmlu tliet ħwejjeġ – ngħinu lill-oħrajn, nitolbu u nagħmlu sagrifiċċju. Dawn it-tliet affarijiet mhumiex marbuta biss mal-Avvent, iżda minn żmien għal żmien il-Knisja tfakkarna fihom għax ħafna drabi faċli għalina li ninsewhom.

L-ewwel tħeġġiġna biex qatt ma nieqfu ngħinu lil dawk li naraw li huma fil-bżonn. Għalkemm mhux dejjem faċli li nħallu l-kumdità tagħna biex ngħinu lil xi ħadd, meta nagħmlu dan inħossu ferħ tassew uniku. Min-naħa tiegħu, Ġesù dejjem lest li jgħinna biex inkunu hemm għall-oħrajn u, permezz tat-talb, il-Knisja tħeġġiġna biex indaħħlu lil Ġesù f'ħajjitna kuljum. Fl-aħħar nett turina li għalkemm is-sagrifiċċju jidher tbatija żejda, meta dan nagħmluh flimkien mat-talb u l-karità, ħajjitna tinbidel u tikseb dak il-ferħ li tant infittxu.

Hekk mhux talli nkunu qed infittxu s-sinjali ta' Alla għalina, imma aħna stess insiru sinjali ta' Alla għall-oħrajn.

## Agħti l-kulur

Fil-jiem tal-Avvent se tkunu tistgħu tibnu presepju ftit differenti. Aqta' dawn il-karattri, jew inkella, jekk tixtieq iżżomm il-fuljett, agħmel fotokopja tagħhom, aqtagħhom u agħtihom il-kulur. Imbagħad għaqqad it-truf tal-ġnub f'romblu jew waħħalhom ma' rombli żgħar tal-kartun, bħalma jkun hemm mat-toilet paper. Attent biex ma titlef l-ebda ħarġa matul dan l-Avvent ħalli sal-Milied tgħaqqad presepju kemxejn differenti.









## Il-Girlanda tal-Avvent

Il-girlanda hija ċirku, sinjal li jfakkarna li la hemm bidu u lanqas tmiem, bħal Alla, bħal ruħna u bħall-ħajja dejjiema li jagħti Kristu. Il-prinjol huwa sinjal ta' ħajja u qawmien.

Fuq il-girlanda hemm erba' xemgħat, tlieta vjola u waħda roża. Il-kulur vjola jfisser penitenza u talb ta' tħejjija. Ir-roża jfisser il-Ħadd tal-ferħ (it-tielet Ħadd) li jurina li wasalna fin-nofs taż-żmien tat-tħejjija għall-jum mistenni tal-Milied.

L-ewwel xemgħa li nixegħlu hija vjola li tissimbolizza t-TAMA. It-tieni xemgħa li nixegħlu hija vjola li tissimbolizza l-FIDI. It-tielet xemgħa li nixegħlu hija roża li tissimbolizza l-FERĦ. Ir-raba' xemgħa li nixegħlu hija vjola li tissimbolizza l-PAĊI.



## Din il-Ġimgħa...

**Is-sagrifiċċju mhux xi ħaġa li nisimgħu ħafna dwarha, imma jekk hemm xi ħaġa li tispikka fil-ħajja ta' ħafna qaddisin hi li biex jirbħu xi nuqqasijiet jew diffikultajiet li kienu jsibu, kienu jagħmlu xi tip ta' penitenza. Xi drabi kienu jsumu, jiġifieri jnaqqsu mid-drabi li jieklu. Drabi oħra kienu jnaqqsu minn xi ħaġa li kienu jħobbu jagħmlu. Kultant kienu jagħmlu xi biċċa xogħol li ma kienu jieħdu gost xejn jagħmluha. Imma meta dawk kienu jgħaqqduhom mat-talb tagħhom, is-sagrifiċċju li kienu jagħmlu kien iħalli effett kbir fihom. Ipprova fil-jiem li ġejjin sib sagrifiċċju żgħir li tista' tagħmel u itlob lil Alla biex permezz tat-talb u s-sagrifiċċju ssir Nisrani aħjar billi tirbaħ xi nuqqas jew xi diffikultà. Hekk tkun qed timxi fuq il-passi ta' dawk li ġew qablek u nrexxielhom jirbħu l-akbar premju li wieħed jista' jixtieq, is-Saltna tas-Smewwiet.**


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.






mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!

ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION